

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## RAKKOMANDEZZJONIJIET

## IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-23 ta' Awwissu 2010

**lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banca d'Italia**

**(BĊE/2010/11)**

(2010/C 233/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u partikolarment l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali jiġu vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rikkmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni li għandu bħalissa l-Banca d'Italia ntemm wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2009. Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2010.

- (3) Il-Banca d'Italia għażel lil PricewaterhouseCoopers SpA bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2010 sa 2015,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

Huwa rikkmandat illi PricewaterhouseCoopers SpA għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Banca d'Italia għas-snin finanzjarji 2010 sa 2015.

Magħmula fi Frankfurt am Main, it-23 ta' Awwissu 2010.

*Il-President tal-BĊE*  
Jean-Claude TRICHET